



## Erbgħin sena ilu f'Ħal Balzan ...

# Splużjoni fit-Triq il-Kbira, Mejju 1969

minn Carmel Bezzina

Għalkemm iż-żmien itaffi ħafna mill-weġgħat tal-imgħoddi, u l-mogħdija tas-snin tgħinna nħarsu lejn il-passat b'lenti differenti, hemm ġrajjiet li jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien jibqgħu minquxa fil-memorja tan-nies li jkunu għexuhom. L-isplużjoni li ġrat f'Ħal Balzan erbgħin sena ilu għadha ċara fil-moħħ ta' ħafna minna l-Balzanin u ġġib tifkiriet ta' wġigħ lill-persuni li għexuha u li ntlaqtu minnha mill-qrib.

Xtaqt nikteb dwar din il-ġrajja kerha mhux biss għax hija parti mill-istorja soċjali tar-raħal tagħna imma wkoll għax ħalliet il-marka tagħha fuq familja minn Ħal Balzan li għexet din l-esperjenza b'kuraġġ minkejja t-trawma li għaddiet minnha. Din il-kitba hija msejsa kemm fuq dak li deher fil-ġurnali Maltin ta' dak iż-żmien kif ukoll fuq dak li rrakkuntawli Helen Micallef u bintha Charlotte, illum miżżewġa Stagno Navarra, meta ltqajt magħhom fid-dar tagħhom fi Triq Idmejda s-sajf li għadda.[1] Dakinhar tal-isplużjoni, il-familja Micallef kienet toqgħod f'numru 123, Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Kienu ilhom jgħixu f'din id-dar kważi miż-żwieġ. Il-familja kienet iffurmata hekk: Vivian Joseph Micallef, minn H'Attard, u martu Helen, xebba Mizzi, minn Birkirkara, u t-tliet uliedhom bniet: Charlotte (10 snin), Eithne (6 snin), u Maria (4 snin). L-omm kienet fl-aħħar jiem tat-tqala; fil-fatt wildet tifla oħra, Claire, fl-Isptar Santa Katerina, H'Attard, nhar l-4 ta' Ġunju, anqas minn tliet ġimgħat wara l-każ.

## L-isplużjoni

Kienet il-lejla tal-Ġimgħa, is-16 ta' Mejju 1969, meta tard għall-ħabta tal-10.30 ta' filgħaxija nstemgħu tliet splużjonijiet qawwija li heżżu r-raħal, l-aktar in-naħa ta' fuq tat-Triq il-Kbira. L-isplużjoni ġrat ftit 'il fuq minn Santa Marija, fit-Triq il-Kbira qrib Sqaq Nru 3, illum Triq Valent Muscat. Ħal Balzan kollu qam biex jara x'ġara, saħansitra nies mill-irħula tal-qrib, l-aktar minn Ħal Lija. Ħafna ħarġu 'l barra minn darhom imwerwrin, oħrajn telgħu fuq il-bejt biex jaraw aħjar minn fejn kien ġie dak il-ħoss qawwi, oħrajn marru mal-ewwel fuq il-post tal-isplużjoni, sakemm waslu l-pulizija u għalqu l-post bil-barrikati.[2] Mhux wieħed u tnejn kien għaddielhom minn moħħhom il-ħsieb ħażin li setgħet taret xi kamra tan-nar, forsi wkoll il-kamra tan-nar tar-raħal, l-aktar billi dik is-sena Ħal Balzan kien qed iħejji għall-festi ċentinarji li kellhom isiru inqas minn xahar wara biex jitfakkru t-tliet mitt sena tal-bini tal-knisja. Il-Kamra tan-Nar San Gabriel kienet maħżuna b'ħafna xogħol tan-nar għall-ġimgħa tal-festa tal-Lunzjata li kellha ssir bejn is-7 u l-15 ta' Ġunju.

Il-gazzetti tal-għada rrappurtaw l-isplużjoni li ġrat f'Ħal Balzan tard il-lejl ta' qabel. Fi *stop press*, it-*Times of Malta* qalet li l-isplużjoni qerdet għal kollox dar u garaxx, li jġibu n-numri 124/125, Triq il-Kbira, proprjetà ta' Lewis Grech Sant mill-Belt Valletta. Issemmi wkoll li kien hemm il-biża' li raġel xwejjaħ li kien jgħix fit-terran tal-post seta' ntradam taħt it-terrapien.[3] *L-Orizzont* ukoll semmiet



Dehra tal-istraġi li ħalliet warajha l-isplużjoni li ġrat f'Ħal Balzan fil-lejla tas-16 ta' Mejju 1969.

li fost dan it-tifrik, li ma ħalliex il-bini jingħaraf iktar, jaħsbu li nqabad raġel xwejjaħ, imlaqqam il-Mellieħi. Ir-rapport ikompli li kmieni f'dik l-għodwa nies tal-post flimkien ma' pulizija kienu għadhom qed iqallbu qalb it-tifrik biex jaraw jekk isalvawx lil dan ix-xwejjaħ. Ir-rapport jikkonkludi li sakemm il-gazzetta marret għall-istampa xejn ma kien għadu magħruf dwar dan ir-raġel.[4]

L-isplużjoni kienet waħda qawwija ħafna. Ġebla mit-tifrik ittajret saħansitra sa fuq il-bejt tad-dar tal-kappillan, metri 'l isfel minn fejn ġara l-każ, l-istess dar parrokkjali tal-lum. Il-Kappillan Dun Karm Sciberras seta' jgħoddha b'waħda billi din il-ġebla kissret xi xorok mis-saqaf tal-kamra tas-sodda fejn kien jorqod. Il-karozzi u d-djar tal-qrib ġarrbu ħsarat kbar. Karozza li kienet fil-garaxx fejn seħħet l-isplużjoni sabet ruħha barra fit-triq meqruda għal kollox. Ħal Balzan tilef ukoll tieqa muxrabija minquxa b'mod elaborat u mirqum ħafna.[5] Wieħed jifhem li dakinhar il-prijorità kellha tingħata lill-persuni li nqabdu f'dik l-istraġi. Tajjeb li jingħad ukoll li dak iż-żmien ma kienx għad hawn is-sensittività għall-wirt nazzjonali li għandna llum. Iżda l-qatgħa l-kbira dik il-lejla żgur li ħaduha l-familja Micallef, li kienu joqogħdu fid-dar li tmiss mal-post tal-isplużjoni.



It-tieqa muxrabija tad-dar numru 123 fit-Triq il-Kbira li nqerdet fl-isplużjoni.

## L-esperjenza tal-familja Micallef

"Kien filgħaxija u konna reqdin fil-kumdità ta' darna meta f'daqqa waħda sseħħ l-isplużjoni," kitbet Charlotte, it-tifla l-kbira. "Dak iż-żmien ommi kienet tqila b'oħti ż-żgħira u kienet fi stat avvanzat ħafna. Ommi u missieri qamu bilwieqfa, f'daqqa waħda ntradmulhom saqajhom fil-ġebel, u jien ġejt mirduma f'sodda li tingħalaq. Dak il-ħin bdejt ngħajjat lil ommi għax ma kienx hemm dawl u ħassejtni nifga, u għadni nħossha sal-ġurnata tal-lum." L-esperjenza għadha friska ħafna f'moħħ Charlotte: "Ommi… talbet lill-Madonna biex issalvana. Id-dar ma ġietx mirduma kompletament iżda nofsha, però l-flettijiet ta' ħdejna nqerdu għal kollox. Il-karozzi ta' taħt il-flettijiet bl-isplużjoni taru u spiċċaw quddiem il-ħanut taż-żebgħa, li llum il-ġurnata huwa l-ħanut tal-*frames*."

L-esperjenza tal-familja Micallef tkompli hekk: "Dak il-ħin ommi qalet lil oħti ż-żgħira Maria, li kienet rieqda fuq is-sodda ta' ommi, biex taqbeż, u ġiet f'idha, u oħti tan-nofs, Eithne, qabżet fuq missieri. In-nies tar-raħal ħarġu bi ħġarhom ħa jaraw x'ġara. Kif in-nies raw dik it-traġedja riedu lil ommi titlaq lejn l-isptar, iżda ma riditx peress li jien kont għadni mirduma taħt dak it-tifrik kollu. Minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lill-Balzanin kollha li taw daqqa t'id biex jien stajt noħroġ minn taħt it-tifrik, għax huma kienu dawk li salvawli ħajti."[6]

Ftit wara l-isplużjoni pulizija u nies mid-Dipartiment tad-Difiża Ċivili malajr kienu fuq il-post, fejn damu sas-sigħat bikrin tas-Sibt filgħodu. Fuq il-post waslu wkoll ambulanza u vetturi tat-tifi tan-nar, li ġew biex jagħtu l-għajnuna qalb l-ilma li beda ħiereġ mill-kanen u l-pajpijiet maqsuma. Il-Maġistrat Dr Carmelo Schembri kien fuq il-post ftit wara l-isplużjonijiet.

## Ir-rapport ta' *The Sunday Times of Malta*

Rapport dettaljat tal-ġrajja tagħtihulna *The Sunday Times of Malta* tal-Ħadd ta' wara, li laħqet stħarrġet sewwa l-fatti kif ġraw.[7] Il-gazzetta tgħid li l-Ġimgħa, is-16 ta' Mejju, fl-10.23 ta' filgħaxija, tliet splużjonijiet vjolenti għamlu ħerba minn tlitt idjar u garaxx fit-Triq il-Kbira, Ħal Balzan. Is-Sur Vivian Micallef, martu Helen, u t-tliet uliedhom kienu reqdin meta l-isplużjoni ġarrfitilhom nofs id-



Ix-xena tal-post tal-isplużjoni. Tidher il-parti tad-dar tal-familja Micallef li ma ġġarrfitx.

dar tagħhom. Binthom Charlotte sfat mirduma, u setgħet tittieħed l-Isptar San Luqa wara li xi ġirien irnexxielhom joħorġuha minn taħt it-tifrik. Ommha Helen, li kienet qed tistenna tarbija x-xahar ta' wara, ittieħdet ukoll l-isptar flimkien ma' żewġha.

Ir-rapport ikompli jgħid li l-isplużjonijiet seħħew f'appartament mikri lil raġel li ma kienx ilu li ġie lura Malta minn barra. Skont il-ġirien, dan ir-raġel kien ta' għalih waħdu, u ħadd ma kien jaf x'jismu, għalkemm kienu jsejħulu Ġanni. Is-Sibt filgħodu r-raġel ittieħed għall-interrogazzjoni fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, wara li kienu sabuh il-Mellieħa. Qabel, membri tad-Difiża Ċivili damu jfittxu ħafna fil-post tad-diżgrazzja billi ħadd ma kien jaf dan Ġanni fejn seta' kien. F'din l-isplużjoni nqerdu wkoll flett ieħor fuq l-appartament tar-raġel u garaxx li fih kien hemm karozza *Toyota*, li bl-isplużjoni ttajret 'il barra mal-ħajt tal-faċċata disa' jardi 'l bogħod.

Is-Sibt kien hemm għaddejja attività sħiħa f'Ħal Balzan. Ħaddiema mid-Dipartiment tal-Ilma jsewwu l-kanen maqsuma u *bowsers* jagħtu l-ilma lill-familji li kellhom il-provista maqtugħa, ħaddiema tad-dawl isewwu l-ħsarat fl-istallazzjoni tal-elettriku, u *bulldozers* jgħabbu trakkijiet sħaħ bil-ġebel tal-isplużjoni biex tkun tista' tinfetaħ it-triq mill-ġdid. Sodod u saqqijiet, sinkijiet tal-kċina, u saħansitra pjanu kienu jidhru qalb it-tifrik, u karozza *Triumph*, ipparkjata taħt il-ħajt, kellha l-ħġieġ tagħha mfarrak bċejjeċ. Djar tal-viċin kellhom il-bibien mifqugħa, ħġieġ tat-twieqi miksur, u wkoll xi konsenturi fil-ħitan.

Ir-rapport ta' *The Sunday Times* isemmi wkoll li l-Kappillan, Dun Karm Sciberras, b'xorti tajba kien qed jaqra l-brevjar fl-uffiċċju tad-dar tiegħu meta ġebla li ttajret bl-isplużjoni waqgħet fuq is-saqaf ta' kamartu u baqgħet nieżla fuq is-sodda. Oħtu Rita kienet għadha kemm ħarġet mill-kamra qabel ġara l-inċident. Id-dar tal-kappillan tinsab mal-150 jarda bogħod minn fejn seħħet l-isplużjoni.

## Tkompli l-esperjenza tal-familja Micallef

"Dakinhar kien lejl ta' niket kbir għall-Balzanin, speċjalment għalina, tara dak id-diżastru sħiħ quddiemek," kompliet Charlotte. "In-nies tar-raħal ħaduna s'għand it-tabib Zammit sakemm waslet l-ambulanza. Il-pulizija ġew fuqna u staqsewna konniex nafu jekk kienx hemm xi nies joqogħdu fil-flettijiet ta' ħdejna, dawk li waqgħu bl-isplużjoni. Ommi qaltilhom li kien hemm koppja ġdida li kienu fuq qamar il-għasel (*honeymoon*), u raġel ieħor li probabbilment kien qed jixrob ġol-bar *Old Smugglers*. Dak il-ħin stess il-pulizija niżlu malajr għalih fil-bar u fortunatament sabuh hemmhekk. Ta' min jgħid li r-raġel kienu jgħidulu l-Mellieħi."[8] Skont Charlotte, hekk kif il-pulizija qalulu x'kien



Vivian Joseph Micallef iħares lejn dak li baqa' minn dik li darba kienet id-dar fejn kienu jgħixu hu, martu u wliedu.

ġara, telqu jiġru malajr lejn il-post tad-diżgrazzja u kif ra dik it-traġedja beda jgħajjat: "X'għamilt b'idejja! X'għamilt b'idejja!"

Charlotte, oħtha Maria, u ommhom għamlu ġimgħa l-isptar. Lill-omm tqila żammewha għall-osservazzjoni. "Jien u oħti għamilna tlett ijiem b'*concussion*, tbenġil minn rasna sa saqajna, u jien kelli idi fi stat ħażin ħafna... Missieri kien spiċċa bla kliem," qaltli Charlotte. Huwa kien imur jara jekk setax isalva xi ħaġa minn dak li kien baqa'. Wara din il-ġrajja, il-familja Micallef spiċċaw b'ta' fuqhom senduqhom, u għalhekk kif l-aħwa ħarġu mill-isptar marru joqogħdu għand missier ommhom. Familja li waqfet ħafna magħhom kienet il-familja Grech, magħrufin b'Tal-Qâdi. Dawn ipprovdewlhom il-post fi Triq Idmejda fejn għadhom joqogħdu sal-ġurnata tal-lum. Helen Micallef u bintha Charlotte għadhom sal-lum, erbgħin sena wara, iħossuhom grati għal



"Missieri kien spiċċa bla kliem. Kien imur jara jekk kienx għad hemm xi fdalijiet li forsi salvaw." - Bintu Charlotte.

dak kollu li għamlu magħhom, u b'qalbhom kollha kitbu: "F'ismi u f'isem il-familja nixtieq nerġa' nirringrazzja lil kull min għenna, u speċjalment lill-familja Tal-Qâdi li huma ħafna għal qalbna fuq dak li għamlu magħna."[9]

Konsolazzjoni oħra għall-familja Micallef kien it-twelid ta' Claire, il-bint iż-żgħira, nhar l-4 ta' Ġunju, dsatax-il jum wara d-diżgrazzja. Charlotte tirrifletti hekk fuq din il-ġrajja: "Il-miraklu l-ieħor kien sar għax fl-4 ta' Ġunju twieldet oħti ż-żgħira Claire, li twieldet qawwija u sħiħa. Toqgħod taħseb, … ma kinitx xi ħaġa żgħira. Miskina ommi li ħabba din id-diżgrazzja ma setgħetx tagħti ħafna lit-tifla, u bix-xokk qawwi li ħadet kellha tbati l-konsegwenzi sal-ġurnata tal-lum."[10]



Inġenji jgħabbu l-ġebel u t-terrapien fuq it-trakkijiet biex it-Triq il-Kbira tkun tista' terġa' tinfetaħ mill-ġdid.

## L-isparatura tal-Mellieħa

Fl-istess lejla li ġrat l-isplużjoni ta' Ħal Balzan seħħ każ kurjuż ta' sparatura fil-limiti tat-Torri l-Abjad fil-Mellieħa. Bidwi u martu rrappurtaw lill-pulizija li waqt li kienu fi triq imwarrba li tagħti għat-Torri l-Abjad intlaqtu f'wiċċhom biċ-ċomb meta raġel spara għalihom b'senter minn ġo għalqa.[11] Binhom, li sema' l-għajjat, qabad trakk biex imur il-Mellieħa għall-għajnuna, iżda lejh ukoll kienu sparati xi tiri. B'danakollu huwa rnexxielu jasal l-għassa tal-Mellieħa. "Fuq il-post mnejn ġew sparati t-tiri fuq il-bidwi u martu, instabu bomba tal-ġelatina, lożor, gvieret, ikel u fliexken tax-xorb, li jindikaw li min għamel l-attentat kien imħejji li jaħrab."[12]

## Jissokta l-istħarriġ dwar l-isplużjoni ta' Ħal Balzan

Sadanittant, Toni Borg, magħruf bħala l-Mellieħi jew Tobos, ir-raġel li ħafna kienu ħasbu li kien intradam fl-isplużjoni, kien miżmum mill-pulizija biex jgħinha fl-istħarriġ tagħha. Jingħad li fil-ħin tal-isplużjoni Toni kien qed jistad. Fuq il-post tal-inċident f'Ħal Balzan it-tindif tal-ġebel u t-trab li ngombra t-Triq il-Kbira kien għadu sejjer sal-Ħadd, waqt li l-pulizija baqgħet tistħarreġ x'setgħet kienet il-kawża tal-isplużjonijiet. It-teorija li dawn kienu kkawżati minn xi ċilindru jew ċilindri tal-gass kienet abbandunata, u s-suspetti kienu li l-kawża kienet xi splussiv wisq aktar qawwi, bħall-ġelatina. L-espert tal-isplussivi, is-Sur Kostantino Mifsud, għamel inkjesta fuq il-post biex jistabilixxi l-kawża tal-isplużjoni. Il-Ħadd wara nofsinhar żar il-post l-Onor. Dr Carmelo Caruana, il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi.[13]

## L-akkużat jitressaq il-qorti

It-Tnejn, id-19 ta' Mejju, Toni Borg ta' 56 sena tressaq il-Qorti quddiem il-Maġistrat Dr Carmelo Schembri akkużat bl-isplużjoni ta' Ħal Balzan u bl-attentat ta' qtil ta' tlieta min-nies fl-Aħrax tal-Mellieħa.[14] Il-prosekuzzjoni, immexxija mill-Ispettur tal-Investigazzjoni Kriminali Feliċ Testa, allegat li fis-16 ta' Mejju 1969, fl-10.30 ta' billejl f'Ħal Balzan, u preċiżament fid-dar mibnija minnu fit-Triq il-Kbira, b'sustanza splussiva Borg ikkawża splużjoni intenzjonata li setgħet qiegħdet f'periklu l-ħajja ta' ħaddieħor u li għamlet ħsara gravi fi ħwejjeġ ta' diversi nies. Barra dan, il-prosekuzzjoni allegat ukoll li fl-istess lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Mejju, fl-Aħrax tal-Mellieħa, Borg spara kemm-il darba b'arma regulari fuq Salvu Gauci, Katerina Gauci u Karmenu Gauci bil-ħsieb li joqtolhom jew li jqegħdilhom ħajjithom f'periklu ċar. Dan l-attentat ma seħħx minħabba xi ħaġa indipendenti mir-rieda tiegħu.



Il-ħidma għadha għaddejja. Sa jumejn wara l-isplużjoni ħaddiema tal-Gvern kienu għadhom jaħdmu fuq il-post mhux biss biex jiftħu t-triq imma wkoll biex jagħtu lura s-servizz tad-dawl u l-ilma lir-residenti tal-inħawi.

Huwa kien akkużat ukoll li fl-istess lokalità tal-Mellieħa u fl-istess lejl għamel ħsara fit-trakk bin-numru 27511 għad-dannu ta' Karmenu Gauci. Akkuża oħra kienet tgħid li Borg xjentement żamm għandu sustanza splussiva li tagħti lil wieħed x'jaħseb li għamilha hu u li kienet għandu għal ħsieb mhux leċitu. Borg ċaħad l-erba' akkużi miġjuba kontrieh. Dr J. Galea Debono, l-Avukat Difensur tal-imputat, talab lill-Qorti biex tipprojbixxi l-pubblikazzjoni tal-proċedimenti tal-kawża. Il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li d-digriet jitwaħħal mal-bieb tal-Qorti.

## Tibda l-kumpilazzjoni

Il-Maġistrat Dr Carmelo Schembri beda jisma' x-xhieda l-Erbgħa, il-21 ta' Mejju, wara nofsinhar. Taw ix-xhieda tagħhom is-Surġent John Cutajar, espert tal-fotografija u tal-marki tas-swaba', is-Surġent J.M. Sciberras, mill-uffiċċju tal-armi, u membri oħra tal-Korp tal-Pulizija. Xehdu wkoll George Falzon, furnar li kien iqassam il-ħobż f'Ħal Balzan, u Katerina Borg, flimkien ma' binha Karmenu, ħbieb tal-akkużat. Il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ispettur Feliċ Testa.[15]

Is-smigħ tax-xhieda kompla l-Ġimgħa, it-23 ta' Mejju, fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Dakinhar telgħu jixhdu quddiem il-Qorti nies minn Ħal Balzan li joqogħdu qrib fejn ġara l-każ, u oħrajn li jafu lill-imputat iżda ma joqogħdux Ħal Balzan. Nies minn Ħal Balzan li taw ix-xhieda tagħhom jissemmew Aida Xuereb u Alfred Stagno Navarra, li kienu joqogħdu xi 30 jarda bogħod mill-post tad-diżgrazzja fi Triq il-Papa Alessandru VII, it-triq li tiġi fuq wara ta' fejn ġrat l-isplużjoni. Taw ix-xhieda tagħhom ukoll Ewfrasja Aquilina minn Birkirkara, Salvu Bugeja, li jaħdem bħala xufier f'garaxx il-Mosta, żewġ membri tas-*Civil Defence Volunteers Class*, Gabriel Azzopardi u Michelangelo Agius, John Borg mill-Mellieħa, u l-kuntistabbli C. Xuereb li kien stazzjonat fl-Għassa tal-Mellieħa.[16]

It-Tnejn, is-26 ta' Mejju, tkompliet il-kumpilazzjoni fl-4.00 ta' wara nofsinhar. Dakinhar instemgħu madwar seba' xhieda, fosthom xi aġenti li jimpurtaw f'Malta l-ġelatina u splussivi oħra.[17]

## Mistoqsija Parlamentari dwar il-vittmi tal-isplużjoni

Il-każ ta' Ħal Balzan kien is-suġġett ta' mistoqsija parlamentari nhar it-Tnejn, it-2 ta' Ġunju. Is-Sinjura Evelyn Bonaci, deputat tal-*Malta Labour Party*, staqsiet x'għajnuna kienet qed tingħata lill-vittmi tal-isplużjoni ta' Ħal Balzan, u jekk dawn ingħatawx akkomodazzjoni alternattiva. Fit-tweġiba tiegħu bil-miktub, il-Prim Ministru, Dr Ġorġ Borg Olivier, qal li nhar id-29 ta' Mejju l-Gvern irċieva applikazzjoni għal kumpens minn persuna li ġarrbet danni fl-inċident imsemmi. Dr Borg Olivier kompla li, filwaqt li ma setax jesprimi ruħu f'dak l-istadju billi l-każ kien quddiem il-Qorti, ittieħdu passi immedjati biex it-tliet familji milquta jingħataw akkomodazzjoni temporanja. Offrewlhom fejn joqogħdu l-Isla, ir-Raħal il-Ġdid, Santa Luċija, u Birkirkara, iżda sa dakinhar post wieħed biss kien ġie aċċettat. Il-familji l-oħra kienu għadhom qed jikkunsidraw fejn se jaċċettaw li jmorru joqogħdu. Iżda, issokta l-Prim Ministru, kienu għadhom qed isiru sforzi biex tinstab akkomodazzjoni alternattiva temporanja għall-familji milquta mill-isplużjoni.[18]



Ħafna Balzanin taw id-daqqa t'id tagħhom lir-residenti tal-qrib li ntlaqtu b'mod jew ieħor minn din l-isplużjoni.

## Inkjesta tal-Maġistrat fil-Mellieħa

It-Tnejn ta' wara, id-9 ta' Ġunju, il-Maġistrat Dr Carmelo Schembri għamel inkjesta fuq il-post fl-Aħrax tal-Mellieħa b'rabta mal-isparatura li seħħet fl-istess lejl tal-isplużjoni f'Ħal Balzan. Din l-inkjesta saret fi tmiem il-kumpilazzjoni tax-xhieda kontra Toni Borg, ta' 56 sena, akkużat bl-isplużjoni ta' Ħal Balzan u bl-attentat ta' qtil ta' Salvu, Katerina u Karmenu Gauci, meta sparalhom fl-Aħrax tal-Mellieħa fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Mejju. Fil-kumpilazzjoni kienu nstemgħu mas-60 xhud, fosthom il-Kurunell J.M. Cremona, espert ballistiku, Kostantino Borg, espert tal-isplussivi, il-perit G. Bianchi A.&C.E., li kien appuntat mill-Qorti, u għadd ta' persuni li ġarrbu ħsara fil-proprjetà tagħhom kaġun tal-isplużjoni. L-inkartament tal-kumpilazzjoni kien mistenni li jintbagħat lill-Avukat Ġenerali tal-Kuruna l-għada t-Tlieta, l-10 ta' Ġunju.[19]

## Il-każ ikompli

Fit-*Times of Malta* tat-Tlieta, il-21 ta' Ottubru, naqraw li l-Avukat Ġenerali ressaq l-att tal-akkuża kontra Toni Borg quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha. L-att tal-akkuża kien iffirmat minn

Dr Oliver Gulia, Avukat Anzjan tal-Kuruna, li kien qed imexxi wkoll il-prosekuzzjoni. L-avukat difensur ta' Borg kien Dr J. Galea Debono.[20] Il-ġuri ta' Borg kien mistenni li jsir fl-għodwa tal-Ħamis, id-19 ta' Frar 1970, u kellu jinstema' quddiem l-Imħallef Joseph Flores.[21] Fis-seduta ta' dak il-jum, wara li nqara l-att tal-akkuża, l-avukat difensur Dr J. Galea Debono ppreżenta nota ta' eċċezzjoni preliminari quddiem il-Qorti li tgħid li l-akkużat ma kienx mentalment f'sikktu, kemm meta kkommetta r-reat kif ukoll tul iż-żmien tal-proċeduri legali kontrieh. Il-prosekuzzjoni, immexxija mill-Avukat Anzjan Dr Oliver Gulia, iddikjarat li kienet lesta tirrevedi l-pożizzjoni tagħha wara l-evidenza li tista' toħroġ mill-eċċezzjoni mqajma mid-difiża. Għaldaqstant il-Qorti ordnat li Borg jinżamm taħt osservazzjoni fl-Isptar Monte Carmeli. Il-Qorti ħatret ukoll lil Dr Joseph Pullicino bħala l-espert psikjatra u talbitu jistudja l-imġiba ta' Toni Borg kemm idum taħt osservazzjoni u jħejji rapport dwar il-kundizzjoni mentali ta' Borg, kemm meta kkommetta r-reat allegat kif ukoll fiż-żmien li kien qed jinstama' l-każ. Dr Pullicino kellu jippreżenta r-rapport tiegħu quddiem il-Qorti fis-seduta tat-2 ta' April għal meta tħalla l-ġuri.[22]

## Tinqata' s-sentenza

Fil-fatt, għal xi raġuni, l-aħħar seduta tal-każ saret wara d-data stipulata mill-Qorti. Il-każ tkompla u nġab fit-tmiem tiegħu nhar it-Tlieta, it-23 ta' Ġunju. Dakinhar il-psikjatra Dr Joseph Pisani, bħala l-espert maħtur mill-Qorti biex jirrapporta dwar l-istat mentali tal-akkużat wara li d-difiża kienet ressqet l-argument tal-insanità ta' Borg, ippreżenta l-evidenza tiegħu.[23] Dr Pisani afferma li Toni Borg kien ibati minn psikożi paranojka ta' natura skiżofrenika u li din il-kundizzjoni rrendietu mentalment mhux f'sikktu għall-iskopijiet tal-liġi. Fir-rapport tiegħu, il-psikjatra qal li xi erba' snin u nofs qabel Borg kien beda juri sinjali ċari ta' tibdil mentali u ħass il-bżonn li jitlaq minn fejn kien qed joqgħod biex jaħrab il-'persekuturi' tiegħu. Kull inċident, anke l-iżjed banali, beda jinterpretah bħala theddida diretta kontrieh. Il-miżinterpretazzjoni kontinwa tal-ambjent, ikompli r-rapport, tat lok għal sistema ta' delużjonijiet persekutorji li hu għaqqadhom u integrahom mar-realtà tal-ħajja ta' kuljum.

Għalkemm kważi x-xhieda kollha li kienu jafu lil Borg għal żmien twil qablu li kien bniedem kwiet u qalbu tajba u li kien iħobb jagħmel pjaċiri lin-nies, uħud minnhom iddeskrivewh ukoll bħala bniedem stramb. Dr Pisani tenna li Borg sa minn meta telaq minn dar ommu u ħutu fil-Mellieħa madwar ħames snin qabel u mar jgħix għal rasu l-Mosta kien qed juri sinjali ta' ċerti movimenti mentali. Meta kien għadu joqgħod il-Mellieħa, kien jgħid li qed jidħlulhom in-nies billejl u li kienu anke messewh; huwa kien tant jibża' li ġieli mar jorqod għand ħuh. Ir-rapport ikompli li Borg ġieli qal ukoll li n-nies li kienu joqogħdu ħdejh il-Mosta kienu qed jippruvaw jifgawh bil-gass u li ma kinux iridu jħalluh bi kwietu. Meta aktar tard mar joqgħod Ħal Balzan f'waħda mid-djar li kien qed jiġi akkużat li sploda huwa kien talab lil Charles Busuttil, ġar tiegħu, sabiex ibiddillu s-serratura għax beża' li kien hemm xi ġirien li kellhom ċavetta taqbel u setgħu jidħlulu.

Għaldaqstant, fuq din l-evidenza li ssottometta l-psikjatra, il-Qorti Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef Dr J. Flores, laqgħet it-talba tad-difiża u ordnat li Toni Borg, mixli bl-isplużjoni ta' Ħal Balzan u bl-attentat ta' qtil tal-Mellieħa f'Mejju tas-sena ta' qabel, jintbagħat fl-Isptar Mentali Monte Carmeli u jinżamm hemm, wara li nstab li kien marid b'moħħu kemm meta seħħ ir-reat kif ukoll tul il-kawża.[24]

## Il-każ jagħlaq... u l-ħajja tibqa' għaddejja

Hekk ġiet fi tmiemha din l-istorja doloruża, li seta' kellha effetti ħafna aktar traġiċi milli fil-fatt kellha. Storja li tikxef il-fraġilità fiżika u mentali tal-kundizzjoni umana. Għaddew il-jiem u l-ġimgħat u x-xhur, u l-ħajja f'Ħal Balzan kompliet bħal qabel. Maż-żmien il-bini mġarraf reġa' ttella' mill-ġdid; ġew joqogħdu fih residenti ġodda li din l-istorja m'għexuhiex, għalkemm żgur li semgħuha tingħad, u fil-kantuniera fetaħ ukoll il-ħanut tal-iskarpan. Anke għall-familja Micallef il-ħajja kellha tkompli wkoll. Wara li għamlu ftit żmien joqogħdu għand xi familjari Birkirkara, ma damux ma reġgħu ġew lura Ħal Balzan.

It-tfal kibru, u llum huma kollha miżżewġin. Eithne toqgħod Ħal Lija, Maria marret Santa Venera, u Claire l-Iklin. Charlotte, il-kbira fost l-erba' aħwa, tgħix ma' ommha Helen fi Triq Idmejda. Helen illum hija nanna ta' disat itfal. Il-missier, Vivian, miet fil-25 ta' Lulju 1997. Il-familja Micallef din l-esperjenza għexuha b'sabar u rassenjazzjoni nisranija, minkejja dak kollu li għaddew minnu. Lil Toni Borg ħafrulu: "Il-familja tagħna konna kollha ħfirnielu ta' dak li kien għamel u bqajna nitolbu għalih," qaluli Helen u Charlotte.[25] "Fil-ħajja m'għandek qatt taqta' qalbek sakemm tibqa' tafda f'Alla," temmew jgħiduli b'konvinzjoni.

**Noti u Referenzi**

[1] Iltqajt ma' Helen Micallef u bintha Charlotte Stagno Navarro fid-dar taghhom fi Triq Idmejda, Ħal Balzan, nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awwissu 2008, bejn il-5.00 u s-5.45 p.m. Nirringrazzjahom talli għoġobhom mhux biss jilqgħuni għandhom imma wkoll jiktbuli fid-dettall l-informazzjoni kollha li għaddewli dakinhar u jisilfuni r-ritratti li qed jiġu ppubblikati. Din ir-relazzjoni tagħhom se nirreferi għaliha f'din il-kitba bħala 'Informazzjoni Familja Micallef'.

[2] Dak iż-żmien dik il-parti tat-Triq il-Kbira kienet pjuttost dejqa bħall-bqija tat-triq billi kienet għadha ma nfetħitx Triq Robert Mifsud Bonnici. Il-wesgħa kbira li naraw illum, li tgħaqqad flimkien it-Triq il-Kbira, il-parti ta' fuq ta' Triq Santa Marija, u Triq Robert Mifsud Bonnici ma kenitx teżisti.

[3] "Stop Press: Explosions wreck house at Balzan," Times of Malta, Saturday 17 May 1969, p.1.

[4] "Splużjoni kbira f'Ħal Balzan," L-Orizzont, is-Sibt 17 ta' Mejju 1969, p.16.

[5] Il-muxrabija hija bħal skrin dekorattiv, x'aktarx tal-injam, maħdum bl-idejn jew bit-torn f'għamla ta' kannizzata li kien jgħatti l-fetħa ta' tieqa, b'mod li wieħed seta' jittawwal 'il barra minn ġot-tieqa bla ma jidher. Hija waħda mill-karatteristiċi tal-arkitettura vernakulari Maltija u kienet introdotta f'Malta x'aktarx mill-Għarab. Fil-kuntest Malti nsibu ħafna eżempji ta' muxrabija maħdumin mill-ġebla tal-franka. Ara Robert Galea, *A Descriptive Gazetteer of Muxrabija-Windows and Roundel Carvings in the Maltese Islands*, teżi mhix ippubblikata għall-grad B.A. History of Art fl-Università ta' Malta, 2008, l-aktar paġni 76-77. Ara wkoll Dr C.J. Jaccarini, "Il-Muxrabija Wirt l-Islam fil-Gżejjer Maltin," fi Guido Lanfranco (ed.), *Folklor* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 2004), pp.117-122.

[6] Informazzjoni Familja Micallef.

[7] Ara "Police interrogate man after Balzan explosions demolish three houses," *The Sunday Times of Malta*, 18 May 1969, p.32.

[8] Informazzjoni Familja Micallef. Ta' min jinnota li d-dettall dwar fejn il-pulizija sabu lir-raġel magħruf bħala l-Mellieħi ma jaqbilx mar-rapport ta' *The Sunday Times of Malta*.

[9] *Ibid*.

[10] *Ibid*.

[11] Ara "Mellieħa shooting incident," *Times of Malta*, Monday 19 May 1969, p.24, u "Attentat ta' qtil fil-Mellieħa," *L-Orizzont*, it-Tnejn 19 ta' Mejju 1969, p.1.

[12] *L-Orizzont*, it-Tnejn 19 ta' Mejju 1969, p.1, *op.cit*.

[13] Ara "L-isplużjoni f'Ħal Balzan," *L-Orizzont*, it-Tnejn 19 ta' Mejju 1969, p.1, u "Gelignite may have caused Balzan explosion," *Malta News*, Monday 19 May 1969, p.1.

[14] Ara "'Il-Mellieħi' mressaq arrestat fil-qorti," *L-Orizzont*, it-Tlieta 20 ta' Mejju 1969, p.1; "Raġel imressaq quddiem il-Qorti," *Il-Ħaddiem*, it-Tlieta 20 ta' Mejju 1969, p.1; "Balzan explosion, Mellieħa shooting – Man charged," *Times of Malta*, Tuesday 20 May 1969, p.2; u "56-year-old charged," *Malta News*, Tuesday May 20 1969, p.1.

[15] Ara "Jibda s-smigħ tax-xhieda," *L-Orizzont*, il-Ħamis 22 ta' Mejju 1969, p.1; u "Start of compilation of evidence," *Malta News*, Thursday May 22 1969, p.1.

[16] Ara "Jitilgħu jixhdu sebgħa min-nies oħra," *L-Orizzont*, is-Sibt 24 ta' Mejju 1969, p.4.

[17] Ara "Toni Borg quddiem il-Qorti: Jixhdu aġenti ta' l-esplussivi," *L-Orizzont*, it-Tlieta 27 ta' Mejju 1969, p.3.

[18] Ara "Balzan explosion aftermath: Families offered other accommodation," *Times of Malta*, Tuesday 3 June 1969, p.24.

[19] Ara "Attempted murder charge: Magistrate's inquiry at Mellieħa," *Times of Malta*, Tuesday 10 June 1969, p.2.

[20] Ara "Man charged with attempted murder and causing explosion," *Times of Malta*, Tuesday 21 October 1969, p.2.

[21] Ara "'Balzan Explosion' Trial," *Times of Malta*, Wednesday 18 February 1970, p.2.

[22] Ara "Balzan Explosion: Defence pleads insanity," *Times of Malta*, Friday 20 February 1970, p.2. Ara wkoll "Akkużat bi splużjoni jitqiegħed taħt osservazzjoni," *L-Orizzont*, il-Ġimgħa 20 ta' Frar 1970, p.4.

[23] Ta' min jinnota li fis-seduta tad-19 ta' Frar il-Qorti kienet ħatret lill-psikjatra Dr Joseph Pullicino biex jirrapporta dwar l-istat mentali ta' Borg. Jidher iżda li għal xi raġuni dan sar minn Dr Joseph Pisani.

[24] Ara "Balzan Explosion Sequel: Court upholds insanity plea," *Times of Malta*, Wednesday 24 June 1970, p.2. Ara wkoll "Jintbagħat l-Isptar tal-Moħħ wara splużjoni u attentat ta' qtil," *L-Orizzont*, l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 1970, p.10.

[25] Informazzjoni Familja Micallef.